**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Ottubru 2001**

**Numru** **3**
**Citaz. Nru.** **93/96 FDP**

**Carmelo u Maria Carmela konjugi Borg**
**Vs**
**Dr. Robert Tufigno LL.D.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-10 ta' Jannar 1996 fejn gie premess:-

Illi l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku mal-konvenut li sehh fid-9 ta' Awissu 1995 f'St. Sebastian Street, kantuniera ma' St. Ursula Street, Valletta meta l-attur kien qieghed isuq karozza tal-marka Seat bin-numru ta' registrazzjoni Z-4504 u Dr. Robert Tufigno LL.D.

kien qed isuq Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni D-7798;

Illi dan l-incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi a kawza ta' tali incident l-attur sofra danni konsiderevoli fil-vettura tieghu.

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-incident awtomobilistiku li sehh fid-9 ta' Awissu 1995 f'St. Sebastian Street, kantuniera ma' St. Ursula Street, Valletta, sehh tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni likwidati.

Bl-ispejjez u l-imghax;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' eccezzjonjiet tat-18 ta' Marzu 1996 tal-konvenut Dr. Robert Tufigno fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma intempestivi;

2. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident mertu ta' din il-kawza ma garax tort ta' l-eccipjent izda tort u htija unika ta' l-attur Carmelo Borg;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi jirrizulta li l-incident mertu tal-kawza sehh fid-9 ta' Awissu 1996 ghall-habta ta' l-4:35 p.m., f'St. Sebastian Street, kantuniera ma' St. Nicholas Street (u mhux St. Ursola Street) il-Belt Valletta;

Provi:

Verzjoni ta' l-attur:

Illi l-attur Carmelo Borg fl-affidavit tieghu xehed li dak in-nhar ta' l-incident huwa kien qed isuq Seat vann bin-numru ta' registrazzjoni Z-4504 fi Triq St. Sebastian. *"F'daqqa wahda hareg ghal fuqi l-konvenut li kien qed isuq il-vettura tieghu mikrija lilu tal-marka Hyundai numru ta' registrazzjoni D-7798 li kienet gejja minn Old Bakery Street Valletta. Huwa dahal fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tieghi u appuntu d-daqqa kienet f'nofs il-vann. Id-daqqa tieghu kienet fil-kantuniera l-leminija fil-parti tal-bumper ta' quddiem. Fil-fatt hu kien qed isuq mghaggel u jkellem lill-passiggier ta' hdejh. Fil-mument tal-habta jien kont wieqaf bil-hsieb li ndur lejn Triq San Nikola."* Zied jghid li wara l-habta l-konvenut skuza ruhu mieghu u qallu li ser jirranga kollox.

Verzjoni tal-konvenut:-

Illi l-konvenut kien niezel minn Old Bakery Street bil-vettura Hyundai D-7798. Fl-affidavit tieghu huwa xehed li kien intenzjonat johrog ghal go St. Sebastian Street fid-direzzjoni lejn l-Auberge de Baviere. Spjega li Triq St. Sebastian hija wiesgha u fin-nofs taghha hemm *continuous double white line* li jaqta' fejn tisbokka Old Bakery Street. *"… jien kont ghadni bil-kemm dhalt go Triq San Sebastian li ma nsibx fuqi vann Seat bin-numru ta' registrazzjoni Z-4504 misjuq mill-attur gej mix-xellug tieghi kompletament "wrong side" u kontra l-flow normali tat-traffiku."* Il-konvenut accenna ghall-fatt li hu kien fuq ix-xellug tieghu, hiereg min-naha tax-xellug ta' Old Bakery Street u diehel fuq il-karreggjata xellugija ta' St. Sebastian

Street. Huwa cahad li kien accetta ma' l-attur lit-tort kien tieghu;

Verzjoni tas-surgent:

Illi s-surgent 395 Joseph Cordina fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Jannar 1997 quddiem il-Qorti xehed li fuq l-iskizz relattiv huwa ma nizzilx kejlijiet peress li l-istess skizz ghamlu *to scale*. Qal li ma hemm ebda *stop sign* qabel ma tibda St. Sebastian Street. Spjega li St. Sebastian Street tant hija wiesgha li ma dahlitx kollha fl-iskizz. Huwa xehed, *"Jidher li s-sewwieq Borg qata' kif nghidu ahna zalzetta u minflok ha l-kantuniera at right angles ghadda dritt ghal go Strada San Nikola".* Kontro-ezaminat fl-1 ta' Lulju 1998, huwa spjega li bil-kliem "qata' zalzetta" ried ifisser li l-attur qasam b'mod diagonali. Spjega li minn dak li qallu l-attur tah x'jifhem li huwa kien qasam id-*double white line* li jinsab f'St. Sebastian Street u dan ghaliex li kieku baqa' sejjer sat-tarf tad-*double white line* u imbaghad kiser, kien jikser *at right angles* u mhux b'mod diagonali kif fil-fatt jidher li ghamel. Fix-xhieda tieghu tas-26 ta' April 2000 quddiem l-Assistent Gudizzjarju huwa kkonferma li l-fatt li huwa ma indikax li kien hemm *stop sign* fuq l-iskizz ifisser li ma kienx hemm ghax kieku kien inizzilha. Meta rega' tela' jixhed fis-16 ta' Marzu 2001 quddiem il-Qorti spjega li t-toroq ghandhom dizlivell qawwi u l-habta saret propju fil-parti tad-dizlivell. Huwa spjega li dan id-dizlivell jikkreja diffikultajiet ghax-xufiera;

Konsiderazzjonijiet:-

Illi ghalkemm ma sar ebda access u ma gewx indikati sinjali fuq l-iskizz tal-pulizija, jirrizulta ampjament car mix-xhieda ta' l-istess pulizija kif ukoll minn dik tal-konvenut, li f'nofs St. Sebastian Street hemm *double white line*. Skond il-pulizija min jibqa' sejjer sat-tarf tad-*double white line* imbaghad jikser lejn St. Nicholas Street jikser "*at right angles*". Ghalhekk isegwi li d-*double white line* huwa maqsum propju ghan-nofs tal-fetha li hemm f'St. Nicholas Street;

Illi l-konvenut kien qed isuq fuq il-karreggjata tieghu tat-triq u ried idur lejn ix-xellug ghal go St. Sebastian Street li hija triq principali u skond il-pulizija, wiesgha hafna. Peress li kien sejjer lejn ix-xellug fid-direzzjoni tal-Baviera huwa kellu joqghod attent ghat-traffiku gej mil-lemin tieghu u dan sabiex il-manuvra tieghu ma tostakolax il-passagg ta' xi traffiku li jkun gej minn dik id-direzzjoni;

Illi l-manuvra li kien intenzjonat jaghmel l-attur u cioe` li jdur minn St. Sebastian Street ghal go St. Nicholas Street ma kellhiex taffetwa il-manuvra li ried jaghmel il-konvenut u vice-versa. Iz-zewg manuvri jistghu isiru fl-istess waqt minghajr il-bzonn li sewwieq icedi lill-iehor. **Iz-zewg passaggi involuti fiz-zewg manuvri li kienu intenzjonati jaghmlu l-kontendenti huma independenti minn xulxin;**

Illi l-Qorti taqbel mat-tezi tal-pulizija li l-habta saret propju ghax l-attur "qata' zalzetta" St. Sebastian Street biex idur ghal St. Nicholas

Street u dan minflok ma saq aktar fid-dritt 'il quddiem imbaghad dar *at right angles* minn hemm. Kieku sar hekk ma kienx jigi ostakolat il-passagg tal-konvenut. Harsa lejn il-posizzjoni tal-vettura ta' l-attur kif indikata fuq l-iskizz turi li hija wisq parallela ghal St. Nicholas Street meta f'dik in-naha tat-triq (u cioe` tant vicina lejn St. Nicholas Street) messha kienet aktar "*at right angles*";

Illi l-attur min-naha tieghu jinsisti li t-tort huwa tal-konvenut peress li huwa baqa' diehel fuqu waqt li huwa kien wieqaf qed jistenna sabiex jidhol go St. Nicholas Street. Din il-verzjoni mhix korroborata b'provi ohra izda anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument il-Qorti kellha taccetta l-verzjoni ta' l-attur li huwa kien wieqaf u li l-konvenut baqa' diehel fuqu, jibqa' l-fatt li l-istess attur kien wieqaf fil-passagg tal-konvenut u li f'dik il-parti minn fejn kien gej il-konvenut it-triq hija dizlivellata ghalhekk karozzi gejjin minn Old Bakery Street bhal dik tal-konvenut ghandhom il-vizwali ostakolata u ghalhekk isegwi li huwa difficli biex josservaw minn zmien qabel xi ostakli li jista' jkun hemm fil-passagg taghhom. Di piu` l-attur jghid li huwa jghaddi minn dik it-triq kuljum sabiex imur id-dar. Ghalhekk ladarba huwa familjari mad-dizlivell li jezisti bejn iz-zewg toroq u jaf li l-vizwali tal-vetturi gejjin minn Old Bakery Street hija ostakolata, messu ittanta dik il-manuvra b'aktar attenzjoni. Minhabba l-fatt li huwa qasam b'mod diagonali (anke jekk kien wieqaf fil-mument tal-habta) il-konvenut sabu ma wiccu fil-karreggjata tieghu, appena l-karozza tieghu telghet l-ahhar parti tad-dizlivell;

Illi l-Qorti hija sodisfatta li l-habta in kwistjoni sehhet unikament tort ta' l-attur li minflok ma kiser ghal go St. Nicholas Street f'dik il-parti ta' St. Sebastian Street aktar vicina ghal kisra ghal go St. Nicholas Street, qasam b'mod diagonali b'mod li ostakola l-passagg tal-konvenut li minn fuq ix-xellug tieghu kien diehel ghal gol-karreggjata xellugija ta' St. Sebastian Street.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici;

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur